MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2005

Numru. 26/2003

**Il-Pulizija**

**(Spettur Antonello Grech)**

**vs**

**CARMEL PACE**

**Seduta ta' llum , 8 ta' Novembru 2005**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **CARMEL PACE** ta' sebgha w tletin sena bin John u Salvina nee Spiteri, imwieled Victoria nhar t-tnejn u ghoxrin ta' Marzu 1966 u residenti 19, Triq Santa Elizabetta, Xewkija, detentur tal-karta tal-identita numru 9866G, gie mressaq quddiemha akkuzat:

1. Talli fil-wiehed u ghoxrin ta’ Lulju 2002 ghal habta tas-saghtejn ta’ filghodu fiir-Rabat, Ghawdex, voluntarjament kkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Emanuel Agius;

2. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, voluntarjament ikkaguna ferit ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Rosaria Agius kif iccertifikaw Doctor J. Xuereb Curmi MD u Doctor Marvic Masini MD;

3. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, voluntarjament ikkaguna ferit ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ George Sacco Agius kif iccertifika Doctor J. Xuereb Curmi MD tal-isptar Generali ta’ Ghawdex;

4. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, voluntarjament hassar, ghamel hsara fi hwejjeg haddiehor u cioe fuq il-vettura Isuzu Gemini bin-numru ta’ registrazzjoni IBA 329 ghad-dannu ta’ Rosaria Agius liema hsara tammonta ghal mija u tmenin lira maltin;

5. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, hedded w ingurja lil Emanuel u Rosaria Agius u

6. Talli sar recidiv b’sentenzi li saru definittivi u ma jistghux jigu mhassra.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-erbatax ta’ Jannar 2004 [fol 35] sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat ukoll li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi deciz minn din il-Qorti kif verbalizzat minnu nhar t-tlieta w ghoxrin ta’ Ottubru 2003 a fol 9 tal-atti processwali.

Semghet ix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni u lil imputat jixhed minn jeddu b’mod voluntarju kif wkoll x-xhieda prodotta mid-difiza.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tat-8 ta’Novembru 2005.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi nhar it-tlieta w ghoxrin ta’ Ottubru 2003 xehed **PS 261 Raymond Caruana** [fol 19] u spjega li nhar l-wiehed w ghoxrin ta’ Lulju 2002, ghal habta tas-saghtejn ta’ filghodu gie nfurmat li nqalghet glieda fil-Pjazza ta’ San Frangisk, r-Rabat bejn l-imputat u certu Emanuel Agius.

Huwa tkellem mal-allegat vittma Emanuel Agius li qallu li huwa kien ghaddej mal-mara u l-familja w ghajjatlu l-imputat, li jigi kuginuh. Huwa waqaf jara x’ried peress li kien jaf li kien hemm xi kwistjoni familjari ghaddejja fuq xi wirt u dan qabad jinsulentah u jsawwtu. Huwa tkellem wkoll ma George Sacco, hu l-mara ta’ Emanuel Agius, u lil bintu Pauline u dawn ilkoll ikkonfermaw l-versjoni tal-fatti kif moghtija minn Emanuel Agius.

Huwa kellem wkoll lil imputat u dan qallu li George Sacco kien ghaddej bil-karozza, waqaf, ghajjatlu u minn gol-karozza stess qabad u tah daqqa ta’ ponn.

PS 261 Raymond Caruana kkonferma li l-windscreen tal-vettura kienet miksura pero stima tal-hsarat li sofra Emanuel Agius ma kellux. Ikkonferma li l-imputat kellu xi feriti dak l-hin li kien qed jinvestiga l-kaz.

Illi nhar it-tlieta w ghoxrin ta’ Ottubru 2003 xehed **Emanuel Agius** [fol 16] u spjega li hu kien ghaddej minn Pjazza San Frangisk flimkien mal-familja tieghu meta f’xi hin sema lil imputat jghajjatlu u huwa waqaaf jara x’ried. Dak l-hin avvicinah u beda jidghi u qabdu minn sidru. Huwa kien ser jistartja l-vettura u jitlaq ‘l hemm pero dak l-hin l-imputat fetahlu l-bieb u hargu mill-karozza. Jghid li huwa ma setghax jiddefendi lilu nnifsu ghaliex kien ghadu kemm jaghmel operazzjoni tal-by pass u ghalhekk martu Rosaria harget mill-vettura u qaghdet f’nofshom u bdiet tlaqqatha hi. Ikkonferma li hu ma laqatx daqqiet ghaliex laqtithom martu minfloku , li kienet fuq il-post bejnu u bejn l-imputat.

Emanuel Agius ikkonferma li huwa jigu l-kugin tal-imputat u li l-incident inqala ghaliex fil-fehma tal-imputat, huwa qala lil ommu mill-wirt ta’ omm l-mara.

Emanuel Agius ikkonferma li bintu, Pauline harget wkoll mill-vettura u laqqtet xi daqqiet u kienu n-nies li firduh minn mal imputat (Pero l-prosekuzzjoni ma resqitx li l dawn in-nies). Ikkonferma wkoll li l-imputat f'xi hin qabad kaxxa tal-Kinnie u tefghahha fuq il-vettura tieghu.

In kontro ezami, disgha xhur wara li kien xehed l-Qorti, u cioe nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Lulju 2004 [fol 55], Emanuel Agius jghid li fl-incident issawat u li laqqat swat. Jghid li daqqiet ma tax u li ma kienx minnu dak li gie suggerit mid-difiza li ta' daqqa ta' ponn lil imputat meta giejkellmu ma gemb il-vettura. Qaghad jiddefendi ruhu. Qal li kien hatnu George Sacco li laqat lil imputat b'flixkun. Jghid li l-imputat ma kellu xejn f'idejh qabel ma qala d-daqqa minghand George Sacco. Jerga jikkonferma li martu qalghet daqqiet kemm bil-ponn kif wkoll bis-sieq ghalkemm feriti ma kellhiex. Jghid ukoll li bintu kienet involuta fl-incident u qalghet daqqiet u li l-imputat anke l-vettura kisser u spjega li kissrilha l-hgiega tal-gemb u l-bieba.

Illi nhar it-tlieta w ghoxrin ta' Ottubru 2003 xehdet **Rosaria Agius** mart l-imputat [fol 13] u spjegat li l-imputat kien gie jigri jkellem lil zewqgha waqt li kienu fil-karozza ghaddejjin fil-Pjazza ta' San Frangisk u jghidlu "Ma ntikx xebgha ghax ghamilt l-operazzjoni."

Fl-istess nifs tghid li dak l-hin l-imputat qabad lil zewgha minn sidru, tah daqqa go wiccu, hija dak il-hin harget mill-vettura biex tifred lil imputat minn zewgha u zewgha hareg biex jilqa d-daqqiet [mhux hareg l-imputat kif jghid zewgha].

Tispjega u tghid, kuntrarjament ghal dak li qal zewgha, li l-imputat ta daqqa ta' ponn f'wicc zewgha, hi qalet lil zewgha sabiex jitilqu 'l hemm u zewgha minflok ma telaq 'l hemm tefgha l-magna tal-vettura u hareg minnha. Illi appena ghamel hekk, hija harget mill-vettura sabiex tiddefendi lil zewgha, qaghdet fin-nofs taghhom biex tifridhom. Qalet li bdiet tghid lil imputat 'ha toqtlu' peress li kien ghadu kif jaghmel l-by pass, izda dan nonostante beda jmur ghalih xorta. Damu jiggieldu xi nofs siegha jew

izjed. Dak l-hin l-imputat qabad kaxxa tal-Kinnie u beda jkisser il-hgieg w is-saqaf tal-vettura. Fl-ebda hin ma tghid li huha attakka lil imputat jew tah xi daqqiet; qalet biss li beda jghin lilha. Mistoqsija jekk kelliex stima tal-hsarat tal-vettura, ix-xhud spjegat li kienet ghand l-Pulizija. Ikkonfermat li binha ta' hdax-il sena binhtha ta' ghoxrin sena kienu wkoll fuq il-post u li fil-fatt kienet bintha li cemplet lil Pulizija.

Illi nhar it-tnejn w ghoxrin ta' Lulju 2004 l-istess **Rosaria Agius** xehdet in kontro ezami [fol 54] w insistiet li zewgha dakinhar tal-incident veru qala xebgha minghand l-imputat. Hija cahdet dak li qal zewgha li ma qalax daqqiet ghaliex qalet li ma jistax ikun u kkonfermat li daqqiet flok zewgha qalet wkoll. Qalet li ma tafx li l-imputat kellu xi feriti, tbengil jew grif. Ikkonfermat li zewgha seta' ta xi daqqiet lil imputat ghaliex effettivament kienu qed jigru wara xulxin u li kull darba tidhol hi bejniethom. Cahdet wkoll li zewgha ta daqqa ta' ponn lil imputat waqt li kienu ghaddejjin bil-karozza u tghid li effettivament dak l-hin kien l-imputat li ta daqqa ta' ponn f'wicc zewgha waqt li hu kien ghadu fil-karozza.

Illi nhar it-tlieta w ghoxrin ta' Ottubru 2003 xehdet bint Emmanuel Agius, **Pauline Agius** [fol 21] u spjegat li dakinar tal-incident hija kienet fil-vettura ta' missierha meta f'xi hin waqt li kienu fil-Pjazza ta' San Frangisk, semghu lil xi hadd jghajjat u missierha waqqaf il-vettura u gie Carmel Pace hdejh u beda jargumenta ma missierha u tah daqqtejn go wiccu.

Spjegat li dak l-hin, missierha kien fil-vettura u l-imputat kien barra izda wara li qala d-daqqa, hareg mill-vettura w ommha harget wkoll u dahlet f'nofshom nejn missierha u l-imputat ghax bdew jiggieldu. Fuq il-post kien hemm wkoll z-ziju taghha u huha z-zghir. Hija cemplet lil Pulizija. L-imputat imbaghad qabad kaxxa tas-soft drinks u gera wara z-ziju taghha li dak l-hin dahal fil-karozza u l-imputat beda jkisser l-karozza. Dak l-hin missierha u l-imputat bdew jiggieldu u missierha spicca mar l-isptar b'ambulanza.

In kontr'ezami nhar d-disgha ta' Dicembru 2004, Pauline Agius tghid li George Sacco kien qed jiddefendi lil missierha li hareg mill-karozza wara li qala daqqa minghand l-imputat. Qalet li George Sacco ta xi daqqiet lil imputat. Spjegat li fuq naha kien hemm l-imputat jaghti u fuq naha ohra kien hemm missierha, ommha u zijuha.

Mistoqsija jekk tafx li l-imputat qala daqqa kbira f'ghajnu ix-xhud wiegbet li taf biha pero ma kienetx f'posizzjoni tghid xejn dwarha ghaliex ma tafx minn kien tahielu.

Mistoqsija jekk kienx l-imputat li qala d-daqqa l-ewwel w imbaghad inqala l-incident, ix-xhud tghid li mhux minnu u tikkonferma li kien missierha li qala d-daqqiet l-ewwel waqt li kien fil-karozza, ghalkemm tikkonferma li feriti missierha ma kellux.

Mistoqsija jekk ratx flixkun miksur, ix-xhud wiegbet fin-negattiv u qalet li ma tatx kaz. Ikkonfermat li George Sacco ma kellux feriti.

Mistoqsija jekk il-kaxxa tal-flixken li allegatament qabad l-imputat kelliex flixken fiha, ix-xhud wiegbet fin-negattiv u qalet li flixken ma kienx fiha l-kaxxa.

Mistoqsija jekk l-imputat veru marx ghal George Sacco ghaliex kellu feriti f'wiccu u kien dak l-hin li George Sacco dahal fil-karozza biex jevita lill-imputat wara li kien safa ferut, ix-xhud wiegbet li ma tafx.

Illi **nhar d-disgha ta' Dicembru 2003 xehed George Sacco** [fol 30] u spjega li ghal l-incident hu kien presenti. Qal li hu kien fil-hanut tal-Hostpurs fil-Pjazza ta' San Frangisk u sema' xi ghajjat ghal habta ta' bejn s-siegha w is-siegha w kwart ta' filghodu. Huwa hares 'l hemm u ra lil imputat imur ghar-ragel t'ohtu [Emanuel Aguis]. Dan kien fil-karozza flimkien ma martu u zewg uliedu. Jghid li l-imputat qabad jaghti lil Emanuel Agius waqt li kien wara l-isteering u huwa mar jifridhom. Qal li l-imputat spicca jaghti lilu wkoll.

Mistoqsi x'ghamel Emanuel Agius dak l-hin, ix-xhud wiegeb li dan fetah l-bieb tal-vettura tieghu u hareg ghalih u bdew jatu. Huwa mar jifridhom u fid-daqqa w l-hin, l-imputat qabad kaxxa tas-sofrt drinks u mar jaghti lilu biha. Dak l-hin dahal fil-karozza ta' Emanuel Agius u l-imputat beda jaghti daqqiet bil-kaxxa fuq il-vettura.

Mistoqsi x'kisser, x-xhud jghid li t-tieqa ta' quddiem tan-naha tax-xellug.

Mistoqsi fuq x'hiex inqala l-incident jew jekk semghax xi diskors, x-xhud wiegeb fin-negattiv.

In kontr'ezami nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Lulju 2004, l-istess George Sacco jikkonferma li l-imputat issawwat minn Emanuel Agius meta effettivament tah bil-ponn. Jghid wkoll li ma kienx jaf jekk issawwatx wkoll bi flixkun. Jghid li l-imputat spicca bid-demm ghaliex meta huwa mar iferraq lil Emanuel Agius minn mieghu, huwa spicca bid-demm li l-imputat kellu fuqu. Jghid wkoll li mhux cert jekk kienx hu li kkaguna l-feriti tal-imputat ghaliex dak l-hin kien mifxul pero jghid li ghalkemm qabad flixkun, bih ma tax. Jghid li mill-imputat m'intlaqatx. Ikkonferma li l-imputat qabad il-kaxxa wara li kien gie mwegga' minnu.

Illi **nhar it-tlettax ta' Mejju 2004 xehed Tony Cauchi** [fol 45] u spjega li hu kien bil-qieghda fejn il-klabb tal-Hotspurs fuq bank u sema xi ghajjat u ra lil imputat jiggieled flimkien ma ragel iehor bl'isem ta' Leli. Mistoqsi min beda l-ewwel ix-xhud jghid li rahom t-tnejn jiggiedlu iduru mal-karozza. F'xi hin rahom t-tnejn kienu barra l-karozza jaghtu lil xulxin.

Mistoqsi jekk rax xi haga f'idejn wiehed minnhom, x-xhud wiegeb fin-negattiv. Qal li hu ra lil George Sacco jifridhom pero f'xi hin jghid li kien qed jaghti wkoll.

Illi nhar il-hdax ta' Marzu 2004 xehed **Doctor John Xuereb Curmi** [fol 39] fejn ikkonferma c-certifikat mediku rilaxxjat minnu datata wiehed w ghoxrin ta' Lulju 2004 esibit fl-atti a fol 28. Jghid li waqt l-ezami mediku li zamm fuq George Sacco, dakinhar hu nnota li dan kellu barxa

f'dirajgh x-xellugija liema ferita hija ta' natura hafifa u hija kompatibbli ma daqqa jew waqa jew seta' baraxha ma xi hajt. Jghid li haematoma ma kienx hemm.

Illi nhar it-tlieta w ghoxrin ta' Ottubru 2003 **xehed Doctor Mario Victor Masini** [fol 11] fejn ikkonferma li huwa ezamina lil Rose Agius nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Lulju 2002. Jghid li allegatament kienet involuta fi glieda fil-wiehed w ghoxrin ta' Lulju 2002. Huwa sab li kellha disgha tbengiliet f'gisimha, sitta fuq idejha x-xellugija, tnejn fuq il-koxxa tal-lemin u wahda fuq il-koxxa tax-xellug, kollha feriti ta' natura hafifa. It-tbengil kienu fi stat ta' resolution w ghalhekk kienu kompatibbli maz-zmien tal-allegata glieda li hi qaltlu li sehhet nhar l-wiehed w ghoxrin ta' Lulju 2002.

Illi nhar l-wiehed w ghoxrin ta' Lulju 2005 xehed **l-imputat** [fol 81] u spjega li bejnu u l-allegata vittma Emanuel Agius hemm kwistjoni fuq il-wirt. Jghid li dakinhar tal-incident huwa kien qieghed hdejn il-Hotspurs Club jiccelebra l-festa ta' San Gorg meta Emanuel Agius flimkien ma hatnu George Sacco marru ghalih waqt li hu kien miexi lejn il-vettura tieghu. Dak l-hin Emanuel Agius dar fuqu u qallu "Issa ghidli lil ommok inhallihiex jew le" u tah daqqa bi flixkun u spicca kellu erbgha punti f'rasu. Jispjiega u jghid li d-daqqa qalagha minghand George Sacco waqt li kienu George Sacco kif wkoll Emanuel Agius li filguh.

Illi nhar l-wiehed w ghoxrin ta' Lulju 2005 xehed **Michael Pace** [fol 83] u spjega li hu kien ma gemb il-kazin tal-Hotspurs dakinhar li nqala l-incident fejn kien involut l-imputat. Jghid li ra lil certu George mir-Rabat jghati daqqa lil imputat bi flixkun, liema flixkun qabad minn hdejn mejda tal-kazin tal-Hotspurs. Huwa ra wkoll lil imputat b'wiccu mimli demm. Ikkonferma li ma dan George kien hemm Emanuel Agius.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti hija rinfaccjata b'zewg versjonijiet tal-fatti ta' kif gara l-incident. Il-versjoni kif moghtija mill-imputat li jghid li hu kien ghaddej ghall-affari tieghu sejjer lejn il-karozz

meta gie aggredit minn Emanuel Agius u hatnu George Sacco u dik tal-Prosekuzzjoni li tghid li l-imputat aggredixxa lil Emanuel Agius u sussegwentement lil familja ta’ Emanuel Agius.

Illi ghalhekk kollox jiddependi fuq il-kredibilita tax-xhieda u jekk il-Prosekuzzjoni irnexxiliex tipprova minghajr ebda ombra ta’ dubbju sal-grad rikjesta mill-ligi l-kaz taghha li kien l-imputat u l-imputat biss li aggredixxa lil familja Agius.

Illi x-xhieda tal-Prosekuzzjoni, b’mod partikolari Emanuel Agius, martu Rosaria u binthom Pauline u hatnu George Sacco, ma humiex konsistenti f’dak li qalu u fil-fatt hemm diversi inezattezzi bejn dak li jghidu t-tlieta li huma.

Emanuel Agius jghid li l-imputat qabdu minn sidru, tah daqqa ta’ ponn u hargu mill-vettura tieghu u kien dak l-hin li beda l-incident waqt hafna dagha u kliem oxen minn naha tal-imputat .

Rosaria Agius tghid li l-imputat qabad lil zewgha minn sidru, tah daqqa ta’ ponnn u dak l-hin zewgha tefa’  tefa’ l-karozza u hareg ghalih [mhux li l-imputat hareg mill-vettura jew li fetah il-bieba].

Pauline Agius tghid li l-imputat ta daqtejn f’wicc missierha u missierha hareg mill-karozza ghalkemm imbaghad tghid li missierha ma issawwatx.

George Sacco kien fil-kazin tal-Hostpurs fejn kien Michael Pace xhud tad-difiza, jghid li l-imputat habat ghal Emanuel Agius u Emanuel Agius hareg kill-karozza u gew fl-idejn tant li kellu jifridhom hu.

Mix-xhieda medika prodotta mill-Prosekuzzjoni pero ma jirrizultax li Emanuel Agius qala xi daqqiet ghaliex fil-fatt ma gie prodott ebda certifikat mediku.

L-imputat minn naha tieghu jghid li kien gie aggredit hu tant li spicca b’erbgha punti fuq rasu.    Dan jirrizulta anke minn ezami vizwali tar-ritratt esibit a fol 70 tal-atti

dokument Z fejn jidher wicc l-imputat b'dan t-tbengil f'wiccu.

In oltre fl-istess xhieda, Rosaria Agius tghid li zewgha ma qalax daqqiet ghaliex hija kienet qed tilqa d-daqqiet tieghu. Emanuel Agius wkoll jghid li ma laqqatx daqqiet u li laqtithom martu. Ghalhekk il-Qorti tghid jekk ma laqqatx daqqiet, ghalfejn hareg mill-vettura, biex jiggieled? Zgur mhux sabiex jiddefendi lilu nnifsu mill-aggressjoni tal-imputat.

Minn naha l-ohra l-imputat jaghti versjoni qasira ta' dak li gara pero hija wahda kredibbli u vero simili fic-cirkostanzi u cioe li kien ghaddej u spicca aggredit minn George Sacco u Emanuel Agius. George Sacco stess jghid li aggredixxa lil imputat. Ghalkemm Michael Pace jghid li ra lil George Sacco jaghti daqqa ta' flixkun lil imputat. Huwa jghid li ma jiftakarx dwar dan ghaliex flixkun ma qabadx f'idejh .

Sfortunatament il-Prosekuzzjoni ma haditx stqarrija minghand l-imputat u lanqas ma ressqet xi Ufficjali tal-Pulizija sabiex jghid li hu nvestiga l-kaz fit-tul u tkellem mal-imputat. Xehed biss PS 261 Raymond Caruana li qal li l-imputat qallu li kien qala daqqa ta' ponn meta mar ikellem lil kuginih.

Meta Rosaria Agius, Pauline Agius, Emanuel Agius gew mistoqsija jekk rawx demm fuq l-imputat, ilkoll qalu li ma raw ebda demm u li feriti ma kellux. Kien biss George Sacco u Michael Pace li qalu li l-imputat spicca aggredit u b'feriti f'wiccu.

Illi ghalhekk fid-dawl tal-istess, il-Qorti ma thossx li x-xhieda tal-Prosekuzzjoni hija wahda kredibbli. In oltre, dwar l-akkuza ta' hsara voluntarja, il-Qorti tinnota li l-Prosekuzzjoni ma ressqet ebda prova dwar d-danni li allegatament sofra Emanuel Agius u fil-fatt mill-provi prodotti lanqas jirrizulta fejn effettivement kien hemm hsara. PS 261 Raymond Caruana jghid li fil-windscreen filwaqt li xhieda ohra jghidu fis-saqaf u fil-bieba. Lanqas ma jirrisulta ta min effettivament kienet il-vettura u min

sofra l-allegat hsarat. Lanqas l-ghamla tal-vetura ma tirrisulta mill-provi.

Stranament wkoll li meta l-imputat offra li jaghti d-deposizzjoni tieghu lanqas biss gie mistoqsi mill-Prosekuzzjoni jekk ikkagunax hsara jew sabiex jaghti spjegazzjoni ta' kif setghu gew kagjonati l-allegati hsarat fuq il-vettura ta' Emanuel Agius.

Dwar l-akkuza ta recidiva l-Qorti esaminat bir-reqqa il-process u ma jirrisultax li l-prosekuzzjoni esebiet xi sentenza l allegatament inghatat fil-konfront tal-imputat u wisq inqas ma resqet xi ufficcjal tal-pulizija sabiex jikkonferma l-identita tal-imputat fil-konfront ta si sentenza.

Ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi **l-Qorti**, wara li rat l-artikoli tal-ligi, partikolarment l-artikolu 221, 325(a), 339(b)(d)(e), 17(b)(c), 20, 23 u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta **tiddikjara li ma ssibx lill-imputat CARMEL PACE hati tal-akkuzi kif dedotti u tilliberah minnhom**.

Dwar t-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti tikkundanna lil hati jhallas l-ispejjes ta' esperti nominati, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha stante li lliberat lil imputat minn kull akkuza kif wkoll ghaliex f'dan il-kaz ma gie nominat ebda espert.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------